31999D0662

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Lulju 1999
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku tal-prinċipji ta' l-OECD dwar il-prattika tajba tal-laboratorju (GLP) u l-ħarsien tal-programmi ta' sorveljanza bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael

(1999/662/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma l-ewwel sentenza ta'l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta'l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku tal-prinċipji tal-OECD dwar il-prinċipji tal-prattika tajba tal-laboratorju u l-ħarsien tal-programmi ta' sorveljanza, mibdijin fi Brussel fis-16 ta' Jannar 1997, kien negozjat mill-Kummissjoni skond il-linji ta' gwida għan-negozjati u għandhom jiġu approvati;

(2) Ċerti aspetti tat-tħaddim ġew assenjati lill-Kumitat Konġunt mwaqqaf mill-Ftehim, u b' mod partikolari l-poter li jemeda ċerti partijiet taż-żewġ l-Annessi;

(3) Huwa neċessarju li jitwaqqfu proċeduri interni li huma meħtieġa sabiex il-Ftehim jaħdem kif suppost; il-Kummissjoni għandha jkolla l-poter li tagħmel ċerti tibdiliet tekniċi fil-Ftehim u li tieħu ċerti deċiżjonijiet dwar dan it-tħaddim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku tal-prinċipji tal-OECD dwar il-prattika tajba tal-laoratorju (PTL) u l-ħarsien tal-programmi tas-sorveljanza bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrajel qiegħed jiġi hawn approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim u l-Minuti miftiehema huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, għan-nom tal-Komunità, għandu jittrasmetti n-nota li hemm provduta fl-Artikolu 16 tal-Ftehim [1].

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni megħjuna mill-Kumitat Speċjali maħtur mill-kunsill, għandha tirappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt li hemm pprovdut fl-Artikolu 10 tal-Ftehim. Wara li tikkonsulta mal-Kumitat Speċjail, l-kummissjoni għandha tagħmel in-notifiki, konsultazzjonijiet u skambji ta' informazzjoni, għandha tagħmel it-talbiet għall-ispezzjonijiet u għall-parteċipazzjoni fl-ispezzjonijiet, u jekk, ikun hemm bżonn tirrispondi lit-talbiet, skond l-Artikoli 3(2), 5(2), 6, 7, 9 u 12 tal-Ftehim u l-Anness II tiegħu u tadotta d-Deċiżjoni li hemm pprovduta fl-Artikolu 11(2) u (3) u t-tieni sentenza ta'l-Artikolu 12.

2. Il-posizzjoni tal-Komunità fil-kumitat Konġunt, fejn jidħlu l-emendi ta'l-ewwel l-Anness li ġew deċiżi skond it-tieni sentenza ta'l-Artikolu 4 tal-Ftehim u l-emendi tat-tieni l-Anness li ġew deċiżi skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni wara li hija tikkonsulta mal-Kumitat Speċjali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Id-Deċiżjonijiet l-oħra kollha għandhom jittieħdu mill-Kunsill, b' maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppublikata fil-ġurnal Uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.